# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 327/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Josianne Farrugia**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Josianne Farrugia**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 284178(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Novembru 2021 għall-ħabta ta' 22.30hrs waqt li kienet ġewwa Ħaż-Żabbar:

1. għamlet inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil David Farrugia jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. mingħajr ma darbet jew sawwtet, heddedt bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddbithom, jew qabdet armi oħra kontra l-persuna ta' David Farrugia;

3. ħebbet sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil David Farrugia jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni tal-Kodiċi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' David Farrugia jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Josianne Farrugia billi tapplika Artikolu 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil Josianne Farrugia b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikolu 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 339(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u lliberata minnhom, sabitha ħatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u lliberataha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien tliet xhur minn dakinhar tas-sentenza. L-Ewwel Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-ħatja.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-12 ta' Lulju 2022 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. **TĦASSAR u TIRREVOKA** s-sentenza fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minflok **TILLIBERA** lill-appellanta minn dik l-imputazzjoni, ħtija u piena; 2. **TIKKONFERMA** s-sentenza fejn sabet lill-appellanta mhux ħatja tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma pjuttost sempliċi fejn il-*parte civile* David Farrugia u martu l-appellanti Josianne Farrugia kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni bejniethom u nħoloq argument dwar żewġ muniti. Filwaqt li l-*parte civile* Farrugia jgħid li meta wasal lura d-dar sab lill-martu tistennieh u li hi bdiet tgħidlu biex jagħtiha l-muniti lura u li mbagħad bdiet twaddab u tkisser l-affarijiet u li qaltlu li din ma kinitx ser tispiċċa hawn, da parte tagħha l-appellanti kkonfermat li kienet qed tistenna lil żewġha u li meta daħal qaltlu biex jagħtiha l-muniti pero' tiċħad li waddbet u tkissru xi affarijiet. Tgħid li żewġha mar fuqha, lewielha jdejha u qaltlu li riedet il-muniti lura peress li ma kinitx ser tieqaf hemm.

Illi r-Rikors tal-appell tal-appellanti huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Hija tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibha ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha. Filwaqt li hija tagħmel riferenza għal dak li ngħad miż-zewġ partijiet quddiem l-Ewwel Qorti, tgħid li l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li eliminat kull dubju dettat mir-raġuni li l-kliem *"mhux ser tieqaf hawn"* kellha konnotazzjonijiet illegali. Hija tirreferi għal dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet li ma kienx ċar x'setgħet tfisser bil-kliem in kwistjoni u tisħaq li hawn ninsabu fil-kamp kriminali u ġialadarba l-Ewwel Qorti ma kienx ċar għaliha x'riedet tfisser l-appellanti bil-kliem *"din mhux se tieqaf hawn"*, b'hekk hija ma setgħetx tkun konvinta sal-għola grad rikjest mil-liġi li fil-fatt kellha xi intenzjoni ħażina u għalhekk issostni li l-Ewwel Qorti

kellha tilliberaha mill-ewwel (1) imputazzjoni u mhux issibha ħatja tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li jingħad fir-Rikors tal-appell tal-appellanti, din il-Qorti reġgħet xtarret dak li jirriżulta fl-atti proċesswali b'mod partikolari dak li l-*parte civile* u l-appellanti xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u dana sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta sabet ħtija fl-appellanti fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha.

Illi l-*parte civile* **David Farrugia** (*a fol.* 3 *et seq.*) xehed dwar ir-rapport li għamel in segwitu ta' inċident li seħħ fis-7 ta' Novembru 2021 dwar argument li nħoloq bejnu u bejn martu Josianne Farrugia, liema rapport kien jirrigwarda żewġ muniti (waħda tan-nofs lira u oħra tal-lira) li Farrugia jgħid kienu ġew mogħtija lilhom għat-tfal mill-ġenituri tagħha. Jgħid li martu kellha xi problemi finanzjarji u ma kienx jaf li kienet ser tbiegħhom u jgħid li hu ma xtaqx li l-muniti in kwistjoni jintilfu.

Jispjega li ta dawn il-muniti lil missier il-mara u li meta mar id-dar martu bdiet tgħajjat miegħu (mal-*parte civile*) u hu ma kellimha xejn. Jgħid li hi bdiet tgħidlu li riedet dawk il-muniti u li hu baqa' kalm u ma tkellimx. Jgħid li martu daħlet fil-kamra tas-sodda tagħhom u hi bdiet issabbat mal-art l-affarijiet li ġew f'idejha quddiem binhom ta' ħdax-il sena. Jgħid li bdiet issabbat u tkisser u li waddbitlu żewġ *trophies* tal-ġebel lejh u dawn inkissru. Jgħid li mar l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Zabbar u li l-pulizija marru miegħu d-dar u qalulu biex hu ma jidħolx id-dar pero' biex imur jagħmel rapport id-*Depot*. Mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk martu qaltlux xi ħaġa waqt l-argument, wieġeb: *"Iva u qaltli li ħa ġġib lil ħutha għax din dejjem theddidni b'ħutha u qaltli: "Ħa jiġu għalik ħuti." Baqgħet tinsisti u tgħajjat: "Ġibhom issa""* (*a fol.* 5). Jgħid li b'dan il-kliem huwa fehem li kienet ser tgħidilhom biex imorru jħebbu għalih u jgħid li hu beża' u jgħid ukoll: *"Li naf li mhux ser jiġri hekk għax huma jkellmuna imma xorta qed tifhem?"* (*a fol.* 5). Jgħid li xorta kellu l-biża'. In <u>kontro-eżami</u> jgħid li fl-ebda ħin ma kien aggressiv lejn martu.

Illi da parte tagħha l-appellanti **Josianne Farrugia (***a fol.* 11 *et seq.*) tgħid li Ħadd minnhom wara li ħarġet mat-tfal, hekk kif daħlu lura marret tfittex id-deheb u sabet li fil-kaxxa fejn kien hemm id-deheb tagħha u ta' żewġha mħalltin flimkien sabet kollox għajr għaż-żewġ muniti li żewġha jsemma fix-xiehda tiegħu. Tgħid li t-tfal anqas kienu jafu b'dawn il-muniti u li dawn kienu ta' meta hija kienet żgħira. Tispjega li meta rat hekk u żewġha ma bediex jirrispondieha, qalet lit-tifel jibgħatlu fuq *Messenger* u li minkejja dan żewġha ma weġbux u mbagħad ftit wara ċempillu lura u t-tifel qallu biex jieħu l-muniti lura lilha għax kienet irrabjata għalih fuqhom. Tgħid li żewġha qal lit-tifel li hu ma kien ħa xejn. Tikkonferma li meta żewġha mar id-dar kienet qed tistennih u bdiet tgħidlu biex jagħtiha lura l-muniti peress li kienu ta' valur sentimentali għaliha. Tgħid li żewġha mar u lewlielha jdejha u tgħid li qaltlu: *"irridhom lura għax din id-darba żgur li mhux ser tieqaf hawn"* (*a fol.* 12). Tgħid li żewġha għandu garaxx għalih u li kien qed jieħu affarijiet u jġorr bil-vettura fil-garaxx u tgħid li kien qed ikaxkar kollox. Tgħid li żewġha ħadielha l-Pulizija d-dar u li hi ma kienet kissritlu xejn. Tgħid li l-għada żewġha ħa l-muniti

għand missierha u missierha tahomlha lura. Tiċħad li hija aggrediet lil żewġha. Tgħid li kien żewġha li aggredieha meta hi bdiet tgħidlu biex jagħtiha lura l-muniti u hu qabdilha subgħajha u lewihulha. Tiċħad li heddedt lil żewġha b'ħutha. Tiċħad ukoll li kienet waddbet u kisret xi *trophies* li semma żewġha meta xehed. Tgħid li hija ma kisret xejn. In kontro-eżami taqbel li dakinhar tal-addakut kienet irrabjata ħafna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellanti li dwarha qed tingħata din is-sentenza hija ta' natura kontravenzjonali maħsuba f'Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti ser tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Frendo** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fil-kuntest ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lill-persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (liema ħsara ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-Kodiċi), liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess aġent."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci** (Numru 28/2003) mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2003, din il-Qorti diversament preseduta kkunsidrat is-segwenti:

> "[...] Biex ikun hemm theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, ġesti jew b'mod ieħor[1]– xi forma ta' ħsara nġusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv. Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b'xi grad ta' preċiżjoni l-interess,

[1] Fid-dottrina wieħed isib referenza għal minaċċa espliċita u impliċita, diretta u indiretta, reali u simboliku. Jista' jkun hemm ukoll minaċċa kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodiċi Kriminali.

ġuridikament relevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f'dan is-sens huwa korrett **Antolisei** meta jgħid: *"é sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' della persona a cui é rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro' vedere di che cosa sono capace'"*[2]. Pero' dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bażi oġġettiva. Zammit *ex admissis* tgħid li hi ma beżgħetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirraviżax neċessarjament xi prospettiva ta' ħsara inġusta, iżda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistgħu ikunu anke perfettament legali, bħal, per eżempju, li wieħed jagħmel rapport lill-Pulizija) jekk hija tkompli tagħmel dak li kienet qed tagħmel." [emfażi miżjuda]

Illi f'din is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci** li għadha kemm ġiet ikkwotata, il-Qorti diversament preseduta għaddiet biex tilqa' l-appell u ħassret u rrevokat is-sentenza appellata.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali u inkwadrati fihom il-fattispeċje ta' dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni tal-ħtija kif milħuqa minnha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti u dana peress li m'huwiex ċar x'riedet tfisser l-appellanti meta qalet il-kliem li qalet. Jirriżulta wkoll li da parte tiegħu l-*parte civile* filwaqt li qal li bil-kliem li qaltlu l-appellanti huwa fehem li kienet ser tgħid lil ħutha biex imorru jħebbu għalih u jgħid li hu beża', pero' jgħid ukoll: *"Li naf li mhux ser jiġri hekk għax huma jkellmuna imma xorta qed tifhem?"* (*a fol.* 5). Apparti minn dan jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni tal-istess *parte civile* li hu ċempel lil ħu l-kbir tal-appellanti u saħansitra ltaqa' miegħu (u dana minkejja li jgħid li hi dejjem tagħmillu theddid b'ħutha!).

[2] Antolisei, F. ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I***: Giuffre' (Milano), 1986, p. 140.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Spacey** (Numru 129/2001) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fi kliem ieħor, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li sabet ħtija għal dak li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet hija *"unsafe and unsatisfactory"*. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **The Police v. Michael John Turner**,
>
> > "As was explained by Lord Chief Justice Widgery in *R. v. Cooper* [1969] 1 QB 276 (in connection with a provision of English statutory law, s. 2(1)(a) of the Criminal Appeal Act, 1968[3]), assuming there was no specific error in the conduct of a trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed (see also, <u>*Blackstone's Criminal Practice*</u> (1991), p. 1392). This principle is in practice applied also by this Court."[4]"

[3] Qabel l-emendi inrodotti f'dik il-liġi bil-*Criminal Appeal Act, 1995.*
[4] Ara wkoll ***Archbold – Criminal Pleading, Evidence, and Practice 2001*** (Sweet & Maxwell), para. 7-47 sa 7-49, paġni 916 u 917.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq din il-Qorti ser tilqa' l-appell tal-appellanti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellanti Josianne Farrugia u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux ħati tal-imsemmija imputazzjoni u b'hekk tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**